MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 152/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Magro**
***-- omissis --***

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Magro talli fit-18 ta' Dicembru, 2000 ghall-habta 4.10 pm fi Triq San Pawl, l-Imgarr (Malta), waqt li kien qed isuq il-vettura numru KAR-326 (**1**) naqas li jwahhal il-licenzja fuq ix-xellug tal-*windscreen*, (**2**) saq l-imsemija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata), u (**3**) waqt li kien qed isuq l-istess vettura naqas li jieqaf meta kien hemm sinjal tat-traffiku li jindika "Stop";

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Lulju, 2003[1] li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Magro hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hamsin (Lm50) lira;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Paul Magro, minnu ppresentat fil-25 ta' Lulju, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2004; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li s-sentenza appellata hija nulla peress li mkien f'dik is-sentenza ma jinghad ghala huwa kien qed jisntab hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet (cioe` ghax ma nghatawx ir-ragunijiet ghal din is-sejbien ta' htija fuq dawn l-ewwel zewg imputazzjonijiet). It-tieni aggravju, li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, hu fis-sens li l-ewwel qorti zbaljat meta sabitu hati skond din it-tielet imputazzjoni u dan peress li responsabbli ghall-habta kien is-sewwieq tal-vettura l-ohra (cioe` Joseph Muscat) u mhux hu. Skond l-appellant hu kullma ghamel kien li sporga bil-mod minn fuq l-i*Stop Sign* biex jesplora u dak il-hin baqa' diehel fuqu Muscat li kien qed isuq b'velocita` eccessiva ghall-lokalita` in kwistjoni.

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2004 l-Avukat Generali eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell peress li dan fih talba ghar-revoka u mhux ghar-riforma tas-sentenza appellata. Skond l-appellat Avukat Generali, galadarba l-uniku aggravju fil-meritu hu dwar it-tielet imputazzjoni, it-talba kellha tkun ghar-riforma tas-sentenza. L-aggravju tan-nullita` tas-sentenza appellata igib bhala konsegwenza mhux ir-revoka ta' dik is-sentenza izda d-dikjarazzjoni li dik is-sentenza hija nulla u li ghalhekk il-Qorti tat-tieni grad jew tisma' l-provi mill-gdid jew tirrinvija l-kaz quddiem l-ewwel qorti sabiex il-qorti ta' l-ewwel grad terga' tisma l-kawza.

[1] Is-sentenza inghatat fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Paul Magro u Joseph Muscat***. Evidentement l-ewwel qorti tat sentenza wahda fir-rigward ta' zewg kawzi li kienu konnessi.

L-ewwel li ghandu jigi deciz hija l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali. Il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali jghid li r-rikors ta' appell ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita`, "it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri". Issa, huwa veru li hija gurisprudenza pacifika li jekk kellha tintalab ir-riforma (tibdil) – ghax, per ezempju, l-appellant ikun gie lliberat minn xi imputazzjoni jew ghax ma jkunx qed jikkontesta s-sejbien ta' htija tieghu fuq xi imputazzjoni partikolari – u minflok tintalab ir-revoka (tahsir), l-appell ikun null proprju ghax jigi nieqes element essenzjali tar-rkors u cioe` t-talba skond l-imsemmi paragrafu (c). Fil-kaz odjern, pero`, ma hemmx nullita` kif qed jirravviza l-Avukat Generali. L-appellant qed jitlob li tigi dikjarata nulla s-sentenza ta' l-ewwel qorti. Tali nullita` timporta necessarjament, l-ewwel u qabel kollox, ir-revoka ta' l-istess sentenza u wara – kif tajjeb osserva l-appellat – din il-Qorti jew tisma' l-provi hija mill-gdid skond l-Artikolu 428(3) tal-Kap. 9 jew, skond gurisprudenza intiza biex ma tipprivax lil dak li jkun mill-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat il-kaz lura lill-ewwel qorti. Fil-kaz in dizamina, l-appellant talab ir-revoka; huwa me kellux ghalfejn jispecifika wkoll il-konsegwenza ta' dik ir-revoka. Ghalhekk il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali qed tigi respinta.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, kif inghad, li s-sentenza appellata hija nulla. Dan l-aggravju huwa infondat. Fil-kaz ta' sentenza f'kawzi sommarji ma hemmx ghalfejn li l-Qorti tal-Magistrati taghti r-raguni ghala tkun sabet lil dak li jkun hati skond imputazzjoni jew ohra. L-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li tali sentenza ghandha jkun fiha il-fatti li taghhom l-imputat ikun gie misjub hati, il-piena erogata u l-artikolu tal-ligi li jkun jikkontempla r-reat. Ma hemmx ghalfejn, ghalhekk, f'dawn il-kazijiet li l-Qorti Inferjuri toqghod tghid ghala tkun waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija. Ghall-kull buon fini din il-Qorti tosserva li l-htija ta' l-appellant fir-rigward ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet temergi car mid-deposizzjoni mhux kontradetta ta' P.C. 496 Godwin Borg (fol. 26).

Kwantu ghall-meritu jew ahjar it-tieni aggravju ta' l-appellant riferibbilment ghat-tielet imputazzjoni, hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti; bhala regola hija tintervjeni biss meta tkun tal-fehma li l-ewwel qorti, a bazi tal-provi li kellha quddiemha, ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Issa, f'dan il-kaz hemm zewg versjonijiet kontrastanti. L-appellant fir-rikors ta' appell tieghu jghid li hu waqaf fuq l-i*stop* sign u kien biss "kif appena beda *inching his car out* fi Triq Sir Harry Luke" li l-vettura ta' Muscat giet b'velocita` qawwija u habtet ma' tieghu billi laqtitu zbrixx fuq quddiem. Jigi nnutat li quddiem l-ewwel qorti kemm l-appellant (allura imputat) kif ukoll il-passiggiera li kellu mieghu (Joseph Borg u missieru Paul Magro) imkien ma jmsemmu dan il-moviment bil-mod 'l barra fi Triq Sir Harry Luke sabiex huwa jesplora din it-triq; huma qalu, anzi, li l-vettura KAR-326 waqfet ezatt fuq l-i*Stop Sign* u qatt ma sporgiet il-barra fi Triq Sir Harry Luke. Muscat, invece, jghid li l-vettura ta' l-appellant hasditu ghax harget bejn pied u pied u nofs barra mill-linja ezatt ta' l-i*Stop Sign*. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti, u cioe` li l-appellant effettivament ma waqafx ezatt ma' l-i*Stop Sign* izda sporga ftit il-barra b'mod li kien bizzejjed biex Muscat jiehdu zbrixx fuq in-naha ta' quddiem tieghu (il-hsara fil-vettura tal-appellant kienet fuq quddiem: iz-zewg fanali, il-*bumper* u x-xibka minn naha ghal ohra). Huwa veru, kif tajjeb osserva l-abbili difensur ta' l-appellant li karozza li tieqaf fuq *Stop Sign* tista' tibda tisporgi ftit ftit biex tesplora t-triq l-ohra li trid taqsam jew tidhol fiha, izda huwa daqstant veru wkoll li l-ewwel haga li trid taghmel huwa proprju li tieqaf fuq il-linja minghajr ma taqbizha. L-ewwel qorti accettat il-versjoni ta' Muscat u cioe` li l-appellant qabez mill-ewwel, anke jekk bi ftit, il-linja ta' l-i*Stop Sign* u kien proprju ghalhekk li Muscat inhasad u dahal fl-appellant. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------